MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**SILVIO MELI**

Seduta ta' l-1 ta' Dicembru, 2009

Avviz Numru. 245/2009

**Bank of Valletta p.l.c. (C-2833)**

**vs**

**Silviya Ivanova Kirilova**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors fuq indikat datat it-3 ta’ Lulju tas-sena 2009, li permezz tieghu s-socjeta` rikorrenti sejhet lill-intimata quddiem din il-qorti sabiex tghid ghaliex m’ghandhiex tkun ikkundannata:

1. Illi thallas lis-socjeta` rikorrenti s-somma ta’ hamest elef, mitejn u wiehed Ewro u disghin centezmu (€5,201.90), bilanc ghad-debitu fil-“*Loan Account”* taghha mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok “A1 sa A2”) flimkien mal-

imghax ulterjuri mid-9 ta' Gunju tas-sena 2009 sal-jum tal-pagament effettiv;

2. U dan wara li jigi dikjarat illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fl-iskrittura privata tal-25 ta' Jannar tas-sena 2006 (Dok. "B") u partikolarment, imma mhux esklussivament, billi l-intimata Silviya Ivanova Kirilova:

(a) naqset milli thallas il-pagamenti dovuti lis-socjeta` mittenti kif stipulat fl-imsemmija skrittura, u

(b) kienet inadempjenti f'obbligi ohra minnha assuniti, u/jew

(c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta' l-istess intimata li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita` tal-hlas lura ta' l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta` rikorrenti u b'hekk l-intimata ddekadiet mill-beneficcju tat-terminu u l-imsemmi debitu sar dovut fl-intier tieghu f'daqqa;

3. Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 5 ta' Frar tas-sena 2009 (Dok "C") u tal-Mandat ta' Sekwestru kontra l-intimata li hija ngunta sabiex tidher ghas-subizzjoni;

Rat il-verbal tar-rapprezentant legali tal-intimata datat l-24 ta' Novembru tas-sena 2009, li permezz tieghu ghamel referenza ghan-nota t'ammissjoni minnu sottomessa fl-atti ta' din il-procedura;

Illi tenut kont tan-nota fuq riferita din il-qorti:

1. Tikkundanna lill-intimata thallas lis-socjeta` rikorrenti l-ammont ta' hamest elef, mitejn u wiehed Ewro u disghin centezmu, (€5,201.90);

2. Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali dovuti mid-data tal-5 ta’ Frar tas-sena 2009, kif indikat fir-rikors promotur.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM--------------------------------